IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2012
COM(2012) 659 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL TRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2011

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL TRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2011

1. IL-BAŻI LEGALI U L-ISFOND

L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza[1] jirrikjedi li kull sena l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni:

– ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet ta' ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati u d-doża li ngħataw

u

– ir-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-individwazzjoni ta' trattament b'radjazzjoni jonizzanti.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

– id-dettalji tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri kif ukoll kull bidla fl-istatus tagħhom;

– rapport dwar it-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011. Dan jinkludi ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni minn 25 Stat Membru. Il-Bulgarija u Malta ma bagħtu l-ebda dejta.

It-tagħrif dwar l-aspetti ġenerali tal-irradjazzjoni tal-ikel huwa disponibbli fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur[2].

1.1. Il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 1999/2/KE, l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu rradjati biss ġewwa faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(3) jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-faċilitajiet approvati tagħhom ta' irradjazzjoni.

---

[1] ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

[2] http://europa.eu.int/comm/food/food/biosafety/irradiation/index_en.htm

L-irradjazzjoni tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel tista' biss issir permezz tas-sorsi li ġejjin:

– Raġġi gamma minn radjunuklidi ^{60}Co jew ^{137}Cs;

– Raġġi-X iġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 5 MeV;

– Elettroni ġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 10 MeV.

Il-lista tal-faċilitajiet ta' irradjazzjoni awtorizzati fl-Istati Membri ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[3].

1.2. L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel irradjati

L-irradjazzjoni ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali hija awtorizzata fl-UE bid-Direttiva 1999/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti[4]. Barra minn hekk, seba' Stati Membri nnotifikaw li għandhom awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal ċertu ikel u ingredjenti tal-ikel skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 1999/2/KE. Il-lista tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[5].

Kull prodott tal-ikel irradjat li fih ingredjent irradjat wieħed tal-ikel jew aktar għandu jkun immarkat bil-kliem "irradjat" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti". Jekk prodott irradjat jintuża bħala ingredjent f'ikel kompost, l-istess kliem għandhom jakkumpanjaw id-deskrizzjoni tiegħu fil-lista ta' ingredjenti. Fil-każ ta' prodotti mibjugħa bil-kwantità, dawn il-kliem għandhom jidhru flimkien mal-isem tal-prodott fuq targa jew avviż fuq jew maġenb il-kontenitur li fih jitqiegħdu l-prodotti.

Sabiex jiġi infurzat it-tikkettjar korrett jew biex jiġu individwati prodotti mhux awtorizzati, bosta metodi analitiċi ġew standardizzati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), wara mandat mogħti mill-Kummissjoni Ewropea.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI

Din it-taqsima tar-rapport telenka r-riżultati tal-kontrolli mwettqa fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-prodotti ttrattati u d-dożi li ngħataw. Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti kkonfermaw il-konformità tal-faċilitajiet approvati tal-irradjazzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/2/KE.

It-tabelli li ġejjin jelenkaw il-kategoriji u l-kwantitajiet ta' prodotti li ġew irradjati fil-faċilitajiet approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2011.

---

[3] ĠU C 265, 1.9.2012, p. 3.
[4] ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.
[5] ĠU C 283, 24.11.2009, p. 5.

2.1. Il-Belġju

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	238,129	6 - 9
Koxox taż-żrinġijiet iffriżati	3050,944	5
Tjur	1378,752	5
Ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u molluski.	153,122	3 – 5
Demm deidratat, plażma u koagulati	84,1	6 – 9
Ħxejjex	4,86	3 – 5
Id-dqiq mir-ross	44,25	3
Abjad tal-bajd	32,805	3
Gomma arabika	2,1	3
Il-kolostru (għal riċerka veterinarja biss)	41,887	0 - 10
Total	**5030,949**	

2.2. Il-Bulgarija

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. L-ebda dejta ma ntbagħtet għall-2011.

2.3. Ir-Repubblika Ċeka

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	24,2	4-10
Total	**24,2**	

2.4. Il-Ġermanja

Hemm erba' faċilitajiet approvati. Ebda ikel ma ġie rradjat fi tnejn minn dawn il-faċilitajiet.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	152	<10
Total	**152**	

2.5. Spanja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. Ebda ikel ma ġie rradjat f'waħda minn dawn il-faċilitajiet.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	307,546	<10
Total	**307,546**	

2.6. L-Estonja

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	19,2	10
Total	**19,2**	

2.7. Franza

Hemm ħames faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Tjur	114,418	5
Gomma Arabika	69,198	3
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	0,66	10
Koxox taż-żrinġijiet iffriżati	510,625	5
Total	**694,901**	

2.8. L-Ungerija

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	142	3-8
Total	**142**	

2.9. L-Italja

Hemm faċilità waħda approvata. Ma kienx hemm ikel irradjat fl-2011.

2.10. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	199,585	6.4-7.3
Partijiet taż-żrinġijiet	352,611	4
Laħam tat-tjur tal-irziezet	111,955	5
Ħxejjex deidratati	446,802	2-4
Abjad tal-bajd	421,982	1.3
Gambli (iffriżati)	38,478	3
Total	**1572,878**	

2.11. Il-Polonja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	105,8	5-10
Total	**105,8**	

2.12. Ir-Rumanija

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	20	8
Total	**20**	

2.13. Ir-Renju Unit

Hemm faċilità waħda approvata. Ma kienx hemm ikel irradjat fl-2011.

2.14. Stati Membri oħra

Ma hemm l-ebda faċilità approvata fl-Istati Membri l-oħrajn (l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, l-Isvezja, is-Slovenja, is-Slovakkja).

2.15. Sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tipprovdi sommarju tal-kwantitajiet ta' ikel (f'tunnellati) ittrattati bir-radjazzjoni li tijonizza f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Unjoni Ewropea fl-2011:

Kategorija tal-prodotti	**BE**	**CZ**	**DE**	**EE**	**ES**	**FR**	**HU**	**NL**	**PL**	**RO**	**Total**	***%***
Demm deidratat	84,1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**84,1**	***1,04***
Abjad tal-bajd	32,8	0	0	0	0	0	0	422	0	0	**454,8**	***5,64***
Ħut, Frott tal-baħar, Gambli	153,1	0	0	0	0	0	0	38,5	0	0	**191,6**	***2,37***
Koxox taż-żrinġijiet	3050,9	0	0	0	0	510,6	0	352,6	0	0	**3914,1**	***48,52***
Gomma arabika	2,1	0	0	0	0	69,2	0	0	0	0	**71,3**	***0,88***
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	238,1	24,2	152	19,2	307,5	0,6	142	199,6	105,8	20	**1208,9**	***14,98***
Tjur	1378,7	0	0	0	0	114,4	0	111,9	0	0	**1605,0**	***19,89***
Id-dqiq mir-ross	44,2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**44,2**	***0,55***
Ħxejjex	4,8	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**4,8**	***0,06***
Prodotti deidratati	0	0	0	0	0	0	0	446,8	0	0	**446,8**	***5,54***
Oħrajn	41,9	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**41,9**	***0,52***
Total	**5030,7**	**24,2**	**152**	**19,2**	**307,5**	**694,8**	**142**	**1571,4**	**105,8**	**20**	**8067,5**	***100***
% tat-total	***62,36***	***0,30***	***1,88***	***0,24***	***3,81***	***8,61***	***1,76***	***19,48***	***1,31***	***0,25***	***100***	

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI LI SARU FL-ISTADJU TAT-TQEGĦID FIS-SUQ TAL-PRODOTT U L-METODI UŻATI GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TA' IKEL IRRADJAT

It-tabelli li ġejjin juru r-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-individwazzjoni ta' trattament b'radjazzjoni li tijonizza.

3.1. L-Awstrija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 126			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	44	0	0	EN 1788, EN 13751
Te tal-ħxejjex aromatiċi	39	0	0	EN 1788, EN 13751
Laħam tat-tjur tal-irziezet	**43**	**0**	**0**	**EN 1786**
Total	**126**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0%**	**0%**	

3.2. Il-Belġju

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 123			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Frott	**8**	**0**	**0**	**EN 1788**
Supplimenti tal-ikel	19	0	2*	
Noodles	26	0	0	
Ħxejjex	12	0	0	
Ħwawar	13	0	0	
Krustaċji	21	0	0	
Molluski	22			
Total	**121**	**0**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,4 %**	**0 %**	**1,6 %**	

* l-irradjazzjoni mhux permessa

3.3. Il-Bulgarija

L-ebda dejta ma ntbagħtet għall-2011.

3.4. Ċipru

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 6			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex imnixxfin, ħxejjex aromatiċi u ħwawar	6	0	0	EN 13751
Total	**6**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

3.5. Ir-Repubblika Ċeka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 40			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħut u frott tal-baħar	1	1	0	EN 1785
Prodotti tat-te tal-ħxejjex aromatiċi	11	0	0	EN 1788
Ħwawar	8	4	0	EN 1788
Supplimenti tad-dieta	1	0	0	EN 1788
Sopop tal-instant noodles	3	0	0	EN 1788
Tjur	3	0	0	EN 1785
Frott frisk	3	2	0	EN 1788, EN 1785
Faqqiegħ imnixxef	3	0	0	EN 1788
Total	**33**	**7**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**82,5 %**	**17,5 %**	**0%**	

3.6. Il-Ġermanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 2.912			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon bil-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar	37	0	0	EN 1787, EN 1788 ASU§64 LFGB, L00.00-39
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon mingħajr ħxejjex aromatiċi u ħwawar	33	0	0	EN 1788, EN 1784, ASU§64 LFGB, L00.00-39
Butir imħawwar	5	0	0	EN 1787
Bajd u prodotti tal-bajd	4	0	0	EN 1784
Laħam (għajr tjur tal-irziezet, tajr salvaġġ)	4	0	0	EN 1786
Tjur	92	0	0	EN 1784, EN 1786
Prodotti tal-laħam (għajr prodotti ta' zliezet)	46	0	0	EN 1786, EN 1784, EN 1788
Prodotti ta' zliezet	47	0	0	EN 1786, EN 1784
Ħut u prodotti tal-ħut	44	0	4*	EN 1786, EN 1788, EN 1789

Krostaċeji, frott il-baħar, molluski u annimali akkwatiċi oħrajn inklużi l-prodotti tagħhom	148	0	2* 2**	EN 1788, EN 1786, EN 1787, EN 1384, EN 13751, ASU§64 LFGB,L12.01-1,
Sopop, zlazi, inklużi sopop u ikel lest minn qabel	239	5	2* 5**	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Ċereali u prodotti taċ-ċereali	44	0	3**	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Imżiewed, ġewż u żrieragħ li fihom iż-żejt	44	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Patata, partijiet ta' pjanti rikki fil-lamtu	26	0	0	EN 1788, EN 13751
Ħxejjex friski	17	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Ħxejjex imnixxfin	40	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Faqqiegħ frisk	11	0	0	EN 1788
Faqqiegħ imnixxef jew prodotti mill-faqqiegħ	142	0	6*	EN 1788, EN 13751, EN 1787
Frott frisk	65	0	0	EN 1784, EN 1788, EN 1787, EN 13751, EN 1385
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	49	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13708
Kafè	2	0	0	EN 1788, EN 13751
Te u prodotti simili għat-te	211	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 1787
Ikliet lesti	9	0	0	EN 1788, EN 1786, EN 13751
Supplimenti tal-ikel	121	0	12*	EN 1788, EN 1787, EN 13751, Termoluminessenza
Ħwawar u kondimenti	183	1	3**	EN 1788, EN 13751, EN 1787, Termoluminessenza
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin u ħwawar	1084	10	7**	EN 1788, EN 1787, EN 13751, Termoluminessenza
Oħrajn	98	1	0	EN 1788, EN 13751, EN 13708
Enżimi	4	0	0	EN 1788, EN 13751
Total	**2.849**	**17**	**46**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**97,83%**	**0,58%**	**1,58%**	

* irradjazzjoni mhux permessa; ** mhux ittikkettjati korrettement

3.7. Id-Danimarka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 98			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Supplimenti tad-dieta	23	0	3*	EN 13751, EN 1788
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	42	0	0	EN 13751, EN 1788
Te tal-ħxejjex aromatiċi	**3**	**0**	**0**	EN 13751, EN 1788
Instant noodles imnixxfa	**16**	**0**	**3***	EN 13751, EN 1788
Sopop u zlazi	**8**	**0**	**0**	EN 13751, EN 1788
Total	**92**	**0**	**6**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**94 %**	**0 %**	**6 %**	

* irradjazzjoni mhux permessa

3.8. L-Estonja

Fl-2011, ma twettqu l-ebda kontrolli fl-istadju tat-tqegħid tal-prodott fis-suq. M'hemm ebda laboratorju fl-Estonja li jwettaq analiżi għal radjazzjoni jonizzanti. Minħabba riżorsi finanzjarji limitati, il-kampjuni ma ntbagħtux barra mill-pajjiż għal analiżi.

3.9. Il-Greċja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 20			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	9	0	0	EN 13751
Te	9	0	0	EN 13751
Ħwawar	**2**	**0**	**0**	EN 13751
Total	**20**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0%**	**0%**	

3.10. Spanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 208			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	156	5	1**	EN 1787, EN 13751
Infużjonijiet	**18**	0	**0**	EN 13751
Frott imnixxef	**13**	0	**0**	EN 13708, EN 1787
Molluski	8	0	0	EN 1786
Laħam	7	0	0	EN 1786
Total	**202**	**5**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**97,12 %**	**2,4 %**	**0,48 %**	

** mhux ittikkettjati korrettement

3.11. Il-Finlandja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 193			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	95	0	2	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel, ikel maħsub għal użu djetetiku speċjali	35	0	3	EN 13751, EN 1788
Frott, berries, ħaxix	11	0	0	EN 13751, EN 1788
Te u preparazzjonijiet ta' ħwawar	20	0	1	EN 13751, EN 1788
Preparazzjonijiet oħrajn	24	0	2	
Total	**185**	**0**	**8****	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,8 %**	**0 %**	**4,2 %**	

* * mhux ittikkettjati korrettement jew minn fażilitajiet mingħajr l-approvazzjoni tal-UE

3.12. Franza

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 112			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	18	1	0	EN 1784, EN 1788
Krustaċji ffriżati jew molluski	13	0	0	EN 1784, EN 1788
Sopop u zlazi deidratati	9	0	3**	EN 1784, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	10	4	2*	EN 1784, EN 1788
Koxox taż-żrinġijiet	4	0	0	EN 1784, EN 1788
Ħaruf	3	0	0	EN 1784, EN 1788
Tjur	11	0	0	EN 1784, EN 1788
Noodles imsajra minn qabel	1	1	0	EN 1784, EN 1788
Te	13	0	0	EN 1784, EN 1788
Frott deidratat, ħaxix, faqqiegħ	18	1	0	EN 1784, EN 1788
Total	**100**	**7**	**5**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**89,3%**	**6,2%**	**4,5%**	

* irradjazzjoni mhux permessa; ** mhux ittikkettjati korrettement

3.13. L-Ungerija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 78			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	60	0	0	EN 1788
Te	18	0	0	EN 1788

Total	**78**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.14. L-Irlanda

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 110**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ħwawar	13	0	0	EN 13751 (skrinjar), EN 1788 (konferma)
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	26	0	0	
Togħmiet	6	0	0	
Żrieragħ	8	0	0	
Għaġin	2	0	0	
Noodles	7	0	0	
Tejiet	48	0	0	
Total	**110**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.15. L-Italja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 423**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ħut, molluski, krustaċji,	144	0	10	EN 13784, EN 1786, EN 1788, EN 13751
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	90	0	1	EN 13783, EN13751, EN 1787, EN 1788
Laħam	67	0	0	EN 1786, EN 13784, EN 13751
Basal u tewm	27	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 1787, EN 13783
Patata	19	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 1787, EN 13783
Faqqiegħ imnixxef	11	0	0	EN 13708, EN13751
Taħwir veġetali	9	0	0	EN 1787, EN 13783
Ġewż	8	0	0	EN 1787, EN 13708
Frott imnixxef	8	0	0	EN 1787, EN 13708
Koxox taż-żrinġijiet	7	0	5	EN 1786, EN 1785
Frott frisk	6	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13708
Estratti veġetali	4	0	0	EN 13751
Supplimenti tal-ikel	3	0	0	EN 13751
Qamħ	1	0	0	EN 1787
Ħxejjex	1	0	0	EN 1788
Te aħdar	1	0	0	EN 13751
Prodotti li jinħmew	1	0	0	EN 1787
Total	**407**	**0**	**16****	

Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,95 %**	**0 %**	**1,05 %**	

** mhux ittikkettjati korrettement

3.16. Il-Latvja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 42**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Faqqiegħ (immellaħ, iffriżat)	13	0	0	MI 2143-91 VNIIMS SDP 5.4.4R.01:2010 SSI- Rapport 93-11(Sr 90)
Supplimenti tal-ikel	2	0	5*	EN 1788
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin u ħwawar	4	0	0	EN 1788
Ħut u krustaċji	10	0	0	MI 2143-91 VNIIMS SDP 5.4.4R.01:2010
Tewm	1	0	0	EN 1788
Zalza tas-sojja	2	0	0	MI 2143-91 VNIIMS
Pomello	1	0	0	MI 2143-91 VNIIMS
Ilma minerali	3	0	0	MI 2143-91 VNIIMS SSI- Rapport 93-11(Sr 90)
Total	**37**	**0**	**5**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**88 %**	**0 %**	**12 %**	

* irradjazzjoni mhux permessa

3.17. Il-Litwanja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 90**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Supplimenti tal-ikel	23	0	0	EN 13783
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	16	0	0	EN 13783
Te	34	0	0	EN 1378
Ħxejjex imnixxfin	17	0	0	EN 1378
Total	**90**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.18. Il-Lussemburgu

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 20**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Supplimenti tal-ikel	5	0	5*	EN 1788
Noodles	10	0	0	EN 1788

Total	**15**	**0**	**5**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**75%**	**0%**	**25%**	

* irradjazzjoni mhux permessa

3.19. Malta

L-ebda dejta ma ntbagħtet għall-2011.

3.20. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 303			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Prodotti taċ-ċereali	26	2	0	EN 13751
Ħxejjex imnixxfin u prodotti veġetali	28	0	0	EN 13751
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	40	0	0	EN 13751
Ġewż u żrieragħ	40	0	0	EN 13751
Ħut u prodotti tal-ħut	26	0	0	EN 13751
Insalati, għaġin u soppa	31	3	0	EN 13751
Ħwawar/togħmiet	98	9	0	EN 13751
Total	**289**	**14**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,4%**	**4,6 %**	**0%**	

3.21. Il-Polonja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 229			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin u ħwawar	75	0	1	EN 13751, EN 1788
Ġewż	**21**	**0**	0	**EN 1787**
Ħxejjex (inkluż il-pulses)	**14**	**0**	0	EN 1788
Frott	**20**	**0**	**0**	EN 1784, EN 1787
Ħut u frott tal-baħar	**22**	**0**	**0**	**EN 1786,** EN 1788
Tejiet	**9**	**0**	**0**	EN 13751
Ġobon immaturat, cottage cheese, ġobon ieħor bil-ħwawar/ħxejjex aromatiċi	**10**	**0**	**0**	EN 1788
Ikliet ippreparati minn qabel	**15**	**0**	**1**	EN 1788
Laħam, fdalijiet, prodotti tal-laħam	**16**	**0**	**0**	**EN 1786, EN 1784**
Supplimenti tal-ikel	**12**	**0**	**2**	EN 13751, EN 1788
Ikel għal użi ta' nutrizzjoni partikolari	**6**	**0**	**0**	EN 1788
Total	**225**	**0**	**4****	

Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,25 %**	**0 %**	**1,75 %**	

** mhux ittikkettjati korrettement

3.22. Il-Portugall

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 12**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ħwawar, ħxejjex aromatiċi u estratti veġetali	12	0	0	Teknika PSL (Luminixxenza fotostimulata)
Total	**12**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.23. Ir-Rumanija

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 79**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	78	0	1***	EN 1787, EN 13751
Total	**78**	**0**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,7 %**	**0 %**	**1,3%**	

* * * li ġew irradjati f'faċilità mingħajr l-approvazzjoni tal-UE

3.24. L-Isvezja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 5**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Laħam tat-tjur (minn tjur differenti)	5	0	0	EN 1784
Total	**5**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.25. Ir-Repubblika Slovakka

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 18**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ġewż	10	0	0	EN 1784
Żrieragħ taż-żejt	3	0	0	EN 1784
Tonn taż-żejt, imfarrak	1	0	0	EN 1784
Gallettini u bars taċ-ċereali	3	0	0	EN 1788
Prodott tal-laħam	1	0	0	EN 1784
Total	**18**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100%**	**0 %**	**0 %**	

3.26. Is-Slovenja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 20			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	8	0	0	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	4	1	0	EN 13751, EN 1788
Tewm	4	0	0	EN 13751, EN 1788
Ross	1	2	0	EN 13751, EN 1788
Total	**17**	**3**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**85 %**	**15 %**	**0 %**	

3.27. Ir-Renju Unit

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 130			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	51	2	2	EN13751, EN 1788
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar friski u ppriservati (għajr dawk imnixxfa)	14	0	0	EN13751, EN 1788
Mixxellanji	5	0	0	EN13751, EN 1788
Noodles u ikel Ażjatiku deidratat	10	2	2	EN13751, EN 1788
Ħxejjex	1	0	0	EN13751, EN 1788
Sopop u zlazi	11	1	1	EN13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	17	2	1	EN13751, EN 1788
Ħut u frott tal-baħar imnixxfa	8	0	0	EN13751, EN 1788
Total	**117**	**7**	**6****	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**90,00 %**	**5,4 %**	**4,6 %**	

* * mhux ittikkettjati korrettement u l-ebda evidenza pprovduta għal dik li hija irradjazzjoni mwettqa f 'faċilità approvata

3.28. Sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-kampjuni analizzati u r-riżultati miksuba għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi:

STAT MEMBRU	KAMPJUNI KONFORMI	INKONKLUSSIVI	KAMPJUNI MHUX KONFORMI	TOTAL TAL-KAMPJUNI
AT	126	0	0	126
BE	121	0	2	123
BG	EDM	EDM	EDM	EDM
CY	6	0	0	6
CZ	33	7	0	40
DE	2849	17	46	2912
DK	92	0	6	98
EE	EAM	EAM	EAM	EAM
EL	20	0	0	20
ES	202	5	1	208
FI	185	0	8	193
FR	100	7	5	112
HU	78	0	0	78
IE	110	0	0	110
IT	407	0	16	423
LV	37	0	5	42
LT	90	0	0	90
LU	15	0	5	20
MT	EDM	EDM	EDM	EDM
NL	289	14	0	303
PL	225	0	4	229
PT	12	0	0	12
RO	78	0	1	79

SE	5	0	0	5
SK	18	0	0	18
SI	17	3	0	20
UK	117	7	6	130
TOTAL EU	**5232**	**60**	**105**	**5397**
	97%	**1%**	**2%**	**100%**

EDM: Ebda dejta mibgħuta
EAM: Ebda analiżi mwettqa

4. SOMMARJU

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011. Dan jinkludi ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni minn 25 Stat Membru. Il-Bulgarija u Malta ma bagħtu l-ebda dejta.

Fl-2011, 24 faċilità approvata tal-irradjazzjoni kienu operattivi fi 13-il Stat Membru skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 1999/2/KE. L-ebda faċilità tal-irradjazzjoni ġdida ma ġiet approvata. Ma ngħalqet l-ebda faċilità tal-irradjazzjoni approvata. Ħames faċilitajiet tal-irradjazzjoni ma rradjaw l-ebda ikel matul l-2011 (l-ebda dejta ma ntbagħtet għaż-żewġ faċilitajiet fil-Bulgarija).

Kwantità totali ta' 8 067,5 tunnellata ta' prodotti ġew ittrattati bl-irradjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri, 90,45 % minnhom ġew irradjati fi tliet Stati Membri: il-Belġju (62,36%), il-Pajjiżi l-Baxxi (19,48%) u Franza (8,61%). L-akbar tliet frazzjonijiet fil-kategoriji rradjati kienu l-koxox taż-żrinġijiet (48,52%), it-tjur (19,89%) u l-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar imnixxfa (14,98%).

Kien hemm tnaqqis żgħir fil-kwantità totali tal-prodotti rradjati fl-UE meta mqabbel mal-2010 (9 263,4 tunnellata). Fi Franza, kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-kwantità ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u togħmiet veġetali kif ukoll fil-kwantità ta' laħam tat-tjur ittrattat bir-radjazzjoni jonizzanti: 65% u 75% rispettivament. Fl-Olanda, kien hemm żieda ta' 2,85% fil-kwantità totali ta' prodotti ttrattati b' radjazzjoni li tijonizza, l-aktar minħabba żieda qawwija tal-kwantità tal-abjad tal-bajd irradjat fl-2011.

25 Stat Membru bagħtu informazzjoni dwar il-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott. Stat Membru wieħed ma wettaq l-ebda kontrolli analitiċi fil-kontroll u l-ispezzjoni uffiċjali minħabba l-fatt li ma għandux laboratorji biex iwettaq l-analiżi u li jibgħat kampjuni biex jiġu analizzati barra mill-pajjiż jiġi jiswa wisq.

Total ta' 5 397 kampjun ġew analizzati minn 24 Stat Membru, tliet Stati Membri kienu responsabbli għal 67,4% tal-kampjuni (il-Ġermanja 54%, l-Italja 7,8% u l-Pajjiżi l-Baxxi 5,6%). 5 232 kampjun (97%) kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi, 105 kampjuni (2%) ma kinux konformi, 60 kampjun (1%) ma wasslux għal riżultati konklużivi. Ir-raġunijiet għar-riżultati inkonklużivi huma l-aktar marbuta ma nuqqas ta' konferma wara riżultati pożittivi minn testijiet ta' skrinjar u/jew mad-diffikultà biex jiġi ddeterminat liema ingredjenti ġew irradjati, anke jekk ikollhom it-tikketta, fil-prodotti tal-ikel komposti. Iż-żewġ raġunijiet prinċipali għan-nuqqas ta' konformità tal-kampjuni ttestjati huma ttikkettjar mhux korrett u l-irradjazzjoni pprojbita; in-nuqqas ta' konformità hija wkoll minħabba faċilitajiet tal-irradjazzjoni mhux approvati mill-UE. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità jingħataw f'kull tabella li tagħti rapport tat-testijiet imwettqa f'kull Stat Membru.